31995D0415

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' Ottubru 1995

li tikkonċerna l-għeluq għan-nom tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika tal-Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ewropea, l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u min-naħa l-oħra l-Federazzjoni Russa, fuq Kummerċ u ħwejjeġ marbuta mal-Kummerċ

(95/415/Euratom, KEFA)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 95 miġjub fih,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika b'mod partikolari it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 miġjub fih,

Billi, sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni ffirmat f'Korfu' fl-24 ta' Ġunju 1994, jeħtieġ li jiġi approvat l-Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, dwar il-Kummerċ u l-ħwejjeġ marbuta mal-Kummerċ iffirmat fi Brussel nhar is-17 ta' Lulju 1995;

Billi l-għeluq tal-Ftehim Temporanju huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunità stabbiliti b'mod partikolari fl-Artikolu 2 u 3 tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u billi it-Trattat ma għamilx disposizzjonijiet għall-każijiet kollha koperti minn din id-Deċiżjoni;

Wara li ġew ikkonsultati l-kumitati konsultattivi u bil-kunsens tal-Kunsill,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim Temporanju bejn il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, min-naħa l-waħda, u l-Federazzjoni Russa, u min-naħa l-ohra, dwrar il-Kummerċ u ħwejjeġ marbuta mal-Kummerċ-, flimkien maż-żewġ Protokoll u d-dikjarazzjonijiet, hawnhekk approvati għan-nom tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Dawn it-testi huma marbuta mad-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kummissjoni għandu jagħmel in-notifikazzjoni prevista fl-Artikolu 35 bil-Ftehim Temporanju f'isem il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar u l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Ottubru 1995.

Għall-Kummissjoni

Jacques SANTER

Il-President